MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 265/2013

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur A B li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) bir-rit civili biss u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal izda kellhom tifla wahda qabel iz-zwieg li twieldet fis-sebagha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid;

3. Peress illi l-intimata qatt ma riedet tizzewweg lir-rikorrenti izda meta l-attur r-rikorrenti rebah somma ta' mitejn u ghoxrin elf ewro (€220,000) kwatem fil-lottu f'Novembru 2011, l-istess intimata bidlet fehmitha u ridet tizzewweg lill-attur;

4. Peress li l-intimata kellha problema ta' drogi l-attur kien ghamlilha kondizzjoni li huwa jizzewwigha basta li ma tibghax tiehu li smack u hija effettivament kienet weghditu li mhux ser tiehu aktar droga.

5. Peress li f'Marzu 2012 l-partijiet ghamlu konvenju fuq post u l-intimata ma riditx tistenna biex tizzewweg sakemm isisr l-kuntratt izda riedet tizzewweg malajr, l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Gunju 2012 bic-civil biss meta ma kellhom xejn preparat.

6. Peress li izda gara l-intimata qatt ma agixxiet ta' mara mizzewga u ta' omm tant li d-dar ma kienet tiehu hsieb xejn, la ikel, la tindika u lanqas tiehu hsieb titma t-tifla u tbidlilha harqa ghax kollox kien jaghmel l-intimat wara li jispicca mix-xoghol;

7. Peress li xorta wahda baqghet tiehu d-droga wara li zzewgu u kien isibha tiehu li smack d-dar u f'nofs Ottubru 2013 l-intimata ddecidiet li tidhol Dar L-Impenn gewwa Hal Farrug li huwa programm tas-Sedqa biex taghmel programm, l-intimata ghamlet biss xi gimgha u nofs u meta abbandunat l-programm l-intimata infurmat lir-rikorrenti li hija ma tridx tibqa aktar mizzewgha lilu u telqet mid-dar fil-25 ta' Ottubru 2013 u infurmat lir-rikorrenti li sejra toqghod mat-tifla ma' ommha f'Bormla;

8. Peress li gara izda li l-esponenti sar jaf li l-intimata effettivament marret toqghod ma' certu John Mamo l-Isla bit-tifla u ghadha toqghod hemm sallum u dan l-esponenti jafu li qallu l-istess John Mamo;

9. Peress li l-intimata anke infurmat lir-rikorrenti li ma tridx tarah b'ghajnejha ghax hu ghaliha dejjem kien "sperm donor"; dawn huma l-precizi kelmiet li uzat "Inti ghalija dejjem kont sperm donor";

10. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-

hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

11. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

12. Peress l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din 1-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija 1-provvedimenti opportuni;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-2 ta' Gunju 2012 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez konta l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat it-twegiba mahlufa tal-konvenuta C B li permezz taghha ddikjarat illi filwaqt li hija taqbel li z-zwieg taghha ma' A B huwa null u qatt ma ezista, hija jidhrilha li r-ragunijiet ghal dan l-istat ta' fatt jaqghu fuq iz-zewg kontendenti, kif se jigi pruvat ahjar fil-kawza.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici;

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi**

**L-attur** jixhed permezz ta' affidavit u jghid li meta bdew ir-relazzjoni li '*l-mara wara xahar qaltli li ghandha problema ta' droga izda assiguratni li qieghda clean u jien emmintha.*' [1] Matul it-tqala tal-konvenuta l-attur kien iwassalha ghall-metadone gewwa d-Detox u minhabba dan it-tarbija kellha tinzamm xahar gol ITU wara li twieldet. Wara li zzewgu l-attur skopra li l-konvenuta kienet regghat bdiet tiehu l-ismack '*u konna niggieldu minhabba f'hekk.*'

Wara li l-attur kien rebah il-lotterija l-konvenuta thajret tizzewweg ghax qaltlu '*issa ghandna flus biex nixtru post, nibdew hajja gdida, u weghditni li jekk nizzewwigha hija ma tiehux aktar droga.*' Jghid li fiz-zwieg xorta baqghet tiehu d-droga u '*konna dejjem niggieldu ghax baqghet tiehu li smack.*'

Iz-zwieg sfaxxa meta wara li ddecidiet li tidhol Dar l-Impenn taghmel programm, harget u marret lura d-dar u qaltlu '*jien u int daqshekk, jien ma nhoss xejn ghalik u ili tlett snin u nofs intella u nnizzel.*' u ghalkemm qaltlu li sejra toqghod ma' ommha marret tirresjedi ma' ragel iehor flimkien mat-tifla.

Xehdu wkoll il-genituri tal-attur li essenzjalment jikkonfermaw it-testimonjanza tal-attur.

Rapprezentant ta' Dar Impenn, dar residenzjali ghal persuni bi problemi relatati ma' konsum ta' droga u alkohol xhed illi l-konvenuta kienet residenti hemmhekk f'Ottubru 2013 u li damet biss ftit jiem. Jghid li marret hemm '*ghax tkun qed tiehu l-methadone mid-Detox u tkun qed tabbuza xorta..........kienet tiehu l-heroin dak iz-zmien*' Jghid li qabel is-sajf tat-2012 kienet dahlet bl-istess problema.

Rapprezentanta ta' Sedqa xhedet li l-konvenuta kienet klijenta tad-Detox bejn April 2008 u Frar 2010. F'Dicembru 2012 kienet regghet ghamlet kuntatt. Tikkonferma li l-konvenuta kellha problema rigwardanti l-konsum ta' eroina.

[1] Affidavit attur a folio 9

Rapprezentant tal-Maltacom Ltd jikkonferma li l-attur kien rebah is-somma ta' €220,000 f'Novembru 2011.

**L-Azzjoni**

Permezz tal-kawza minnu ntavolata l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu minn mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi ghaliex skont l-attur il-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (d) u ghaliex il-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar iz-Zwieg u ghaliex l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (c).

Id-difiza tal-konvenuta hi fis-sens illi t-talba ghall-annullament taz-zwieg ghandha tigi akkolta ghal ragunijiet imputabbli lill-partijiet u mhux biss lill-konvenuta.

**Konsiderazjonijiet tal-Qorti.**

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 19 (1) tal-Kap 255**:

***B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoniji ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:***

***- omissis –***

***(c) Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

***- omissis –***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-kawzali msejsa fuq is-sub inciz (1) (c) *- jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga* - jinghad is-segwenti:

Mhux kull qerq dwar il-kwalita' tal-konjugi jwassal ghall-annullament. Il-ligi tispecifika li sabiex il-qerq iwassal ghall-annullament taz-zwieg irid ikun dwar *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Il-Prim' Awla fis-sentenza **John Borg vs Paula sive Polly Borg** (22 ta' Mejju 1995) osservat li:- *"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-porpjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

Peress li s-sub-inciz in dizamina huwa identiku ghal regolament fil-Kodici Kanoniku issir referenza ghal dak li intqal fix-xoghol ta' **VViladrich P.J.** intitolat **Matrimonial Consent, Code of Canon Law Annot.**[2]**:** *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and established the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity*

[2] Caparros, E. et al. ed 1993, Wilson and Lafleru, Montreal.

*of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjual partnership are irrelevant and in this sense, they are merely arbitrary or trivial."*

Issir referenza wkoll ghall-kawza deciza mill-Prim' Awla fid-9 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet **Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat fir-rigward tal-kuncett tal-'qerq' b'mod generali:

*"kwanti ghal 'qerq'..........dan certament hu motiv ta' nullita' tal-ftehim tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero' ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat (Artikolu 981 (2.) Il-qerq irid ikun tali li jkun jista' jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta'".*

Issir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale et nomine** fejn gie dikjarat illi *"Sabiex ikun hemm nullita' ta' zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita':*

*1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;*

*2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;*

*3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;*

*4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;*

*5. tigi mistura frawdolment sabiex jigi ottjenut il-kunsens matrimonjali;*

*6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali.*

Il-Qrati taghna sostnew li z-zwieg ikun null skond dana is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra **"Fattah, xebba Perry vs Dr A. Mifsud et"** (Prim' Awla - 22 ta' Novembru 1982).

Ikkunsidrat;

L-attur isostni li l-konvenuta qarqet bih peress li meta hija izzewgitu kienet assiguratu li kienet harget mill-problema tad-droga. Huwa minnu li l-konvenuta ma kinitx sinciera dwar il-vizzji taghha, pero' jirrizulta mill-provi li l-partijiet kienu ilhom jghixu flimkien sentejn u disgha xhur qabel ma izzewgu u matul dan il-perjodu l-attur stess jghid li kien iwassalha id-Detox minhabba li regghet bdiet tiehu l-ismack u '*u konna niggieldu minhabba f'hekk.'* Allura, ghalkemm il-vizzju tad-droga huwa gravi u jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga, ma jistax jinghad li l-konvenuta qarqet bl-attur fir-rigward tal-vizzju tad-droga taghha.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti li ma kienx hemm ebda qerq minn l-ebda parti fl-ghoti tal-kunsens u l-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (1) (c) fuq citat ma treggix.

Billi din il-kawza giet imsejsa wkoll fuq is-sub-inciz (f) u is-sub-inciz (d) ghandu jinghad, illi, kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-sub-inciz (1) (d) tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza **"Kenneth Cefai vs Louise Cefai" (Appell – 11 ta' Novembru 2011):-** *"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi*.

Fis-sentenza **Baldacchino v. Duan, deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Dicembru 2010**, gie dikjarat illi: - *"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

Fuq l-istess linja ta' hsieb hi s-sentenza **Zammit v. Zammit, Prim' Awla deciza fis-27 ta' Jannar 2006:-** *"Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda*

*minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **Arqueros v. Arqueros Moreno, deciza fit-30 ta' Lulju, 2010**:- *“L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x’inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b’att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess. Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b’att pozittiv u b’impenn tal-volonta', eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x’inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta’ zwieg! Din il-Qorti tista’ tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta’ dan il-kaz, ghax bl-argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta’ wahda jew l-ohra mill-kawzali.”*

Il-Qorti ser titratta, kif qed taghmel, iz-zewg kawzali; naturalment fl-isfond tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ kawzali kontradittorji bhal fil-kaz odjern.

**Ikkunsidrat;**

Fir-rigward tas-sub inciz (d) jinghad is-segwenti:

Biex l-azzjoni tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew wahda minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Sabiex kunsens ghaz-zwieg ikun validu jehtieg li jkun jikkostitwixxi "diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga". Id-diskrezzjoni ta' gudizzju hija definita bhala dik il-fakulta' fil-bniedem li jaghmel sew apprezzament sew evalwazzjoni tal-konsegwenzi tad-decizzjonijiet tieghu. Fi kliem iehor "diskrezzjoni ta' gudizzju" ghall-finijiet tal-kunsens ghaz-zwieg tfisser li l-persuna tkun kapaci tevalwa x'inhuma l-obbligi u d-doveri li jimporta mieghu il-kunsens matrimonjali. Mhux necessarju li wiehed jifhem il-valuri u l-implikazzjonijiet kollha li jgib mieghu iz-zwieg imma almenu wiehed irid ikun kapaci japprezza u jifhem dak li hu baziku fiz-zwieg u cioe' id-drittijiet u d-doveri li zwieg igib mieghu.

Difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jissussisti meta persuna kellha nuqqas ta' poteri diskrezzjonali minhabba li fatturi psikologici jirrendu l-persuna inkapaci biex tqis in-natura taz-zwieg jew tad-drittijiet u l-obbligi essenzjali marbutin maz-zwieg u konsegwentement inkapaci li taghzel liberament.

Mhux bizzejjed li l-persuna tkun matura intelletwalment imma irrid ikun hemm maturita' tar-rieda jigifieri abilita' li tiehu decizjonijiet responsabbli; irid ikollha fakultajiet kritici u liberta interna biex taghzel biex tkun tista' tikuntratta zwieg validu. L-element tal-liberta' huwa essenzjali sabiex ikun hemm kunsens validu mhux afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Fil-kawza **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) inghad illi *"d-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

**"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo" (**P.A. 26 ta' Ottubru 2000):-

"Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma*

*jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**" P.A., 10 ta' Novembru 1995)

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-31 ta' Jannar 1996) gie dikjarat hekk fir-rigward tad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju:-

"*Dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Ikkunsidrat;

Iz-zmien antecedenti z-zwieg tal-partijiet kien karatterizzat mill-vizzju tal-konsum tad-droga da parti tal-konvenuta. Jidher li l-attur kien determinat li jifforma familja mal-konvenuta u kien jghinha anke fl-isforzi taghha li teghleb il-vizzju tad-droga. Madanakollu l-konvenuta, mahkuma mill-vizzju tad-droga f'tentativi bla success sabiex teghleb tali vizzju, ma kinitx f'posizzjoni li tassumi l-obbligi li jgib mieghu iz-zwieg. Fil-fehma tal-Qorti gie sodisfacentement ippruvat illi fil-mument li l-konvenuta dahlet ghaz-zwieg il-kunsens taghha kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja mizzewga. Il-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg tal-partijiet kien invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi meta b'tali mod li jirrendi z-zwieg tal-partijiet null.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta in kwantu timputa ir-raguni ghall-annullament taz-zwieg fuq l-attur, tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Gunju 2012 huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------